MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 110/2006

**Tabib Principali tal-Gvern u C. Camilleri and Sons Limited (C5572)**
**vs**
**Multiple Estates Limited (C28742) u**
**Firm Eliseo Muscat Limited (C32920)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrenti ssottomettew illi:

1. Illi Multiple Estates Limited (C28742) istitwew u ottjenew mandat ta' qbid ezekuttiv kontra Firm Eliseo

Muscat Limited (C32920) – Mandat ta' qbid numru 1458/05 – kopja ta' dan il-mandat u l-esekuzzjoni tieghu qed jigu annessi bhala dokument 1;

2. Illi fost l-oggetti maqbuda permezz ta' dan il-mandat kien hemm vann bin-numru ta' registrazzjoni CCS-300 appartenenti lill-atturi C. Camilleri & Sons Limited, kif ukoll vann Iveco GVN-573 appartenenti lill-Gvern ta' Malta – il-vann CCS-300 qed jigi mmarkat fuq il-mandat ta' qbid bil-vlegga blu fil-waqt li l-vann Iveco GVN-573 qed jigi mmarkat bi vlegga hamra.

3. Illi fil-fatt kemm il-vann CCS-300 kif ukoll il-vann GVN-573 kienu fil-propjeta' ta' Firm Eliseo Muscat Limited ghat-tiswija meta gie esegwit il-mandat ta' qbid;

4. Illi dokument 2 huwa l-kuntratt tal-vann CCS-300 fil-waqt li l-*log book* tal-vann qieghed fil-vann u b'hekk ma jistax jigi prodott; dan id-dokument jindika li dan il-vann huwa propjeta' tal-atturi.

5. Illi ntant il-konvenuti Multiple Estates Limited gew interpellati minn C. Camilleri & Sons Limited, permezz ta' ittri legali tat-28 ta' Dicembru 2005, u tal-11 u 23 ta' Jannar, 2006 (Dokument 3) sabiex jirrilaxxjaw il-vann maqbud. Minkejja dan dawn il-konvenuti baqghu inadempjenti.

6. Illi in segwitu ta' dan il-mandat ta' qbid l-atturi ma setghux jiehdu il-vannijiet taghhom li huwa mehtieg ghax-xoghol u sofrew u qeghdin isofru danni stante li kellhom jikru vannijiet ohrajn sabiex jahdmu x-xoghol li soltu jahdmu bil-vannijiet li attwalment jinsabu maqbuda;

7. Illi nterpellati sabiex ihallsu dawn id-danni u sabiex jirrilaxxaw il-vannijiet maqbuda, l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara li l-mandat ta’ qbid numru 1458/05 fl-atti ta’ din il-Qorti huwa null fir-rigward tal-qbid tal-vannijiet numri CCS-300 u GVN-573 u tordna li dawn il-vannijiet jigu rilaxxati u tawtorizza lill-atturi jiehdu lura l-vannijiet mehlusa minn kull xkiel;

2. taghti dawk l-ordnijiet necessarji nkluz jekk mehtieg l-isgass tal-fond fejn gew maqbuda u/jew fejn jinsabu dawn il-vannijiet sabiex l-atturi jkunu jistghu jiehdu l-istess vannijiet;

Bl-ispejjez (inkluzi dawk ta’ l-ittri bonarji) kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-**Risposta tas-socjeta’ intimata** a fol. 34 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta’ esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress billi l-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv numru 1458/2005 mhijux null fih innifsu. Fil-fatt, il-Mandat imsemmi gie validament mahrug skond il-ligi in ezekuzzjoni ta’ sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-16 ta’ Gunju 2005 fil-kawza fl-ismijiet ‘Multiple Estates Limited -vs- Firm Eliseo Muscat Limited’, citazzjoni numru 401/2005NC, li biha s-socjeta’ esponenti giet kanonizzata kreditur tas-socjeta’ debitrici Firm Eliseo Muscat Limited fis-somma ta’ Lm17,912 bhala arretrati ta’ kera, u gie ordnat ukoll l-izgumbrament ta’ l-istess socjeta’ debitrici mill-garaxxijiet lilha mikrija.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess il-vannijiet in kwistjoni gew rilaxxjati fil-mori ta’ dina l-kawza, bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet, u wara li r-rikorrenti ghamlu l-prova tat-titolu taghhom, u ghalhekk is-socjeta’ esponenti ma ghandiex tbati l-ispejjez ta’ dina l-kawza.

3. Salv risposta ulterjuri permessa mill-ligi.

Rat il-verbal tas 17 ta’ Marzu 2006 minn fejn jirrizulta li l-mertu tal-kawza gie ezawrit billi l-vetturi gew rilaxxjati fil-mori tal-kawza f’Marzu 2006.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza baqghet ghal lum ghas-sentenza fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti u hija tal-fehma li l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-intimati Multiple Estates Limited billi dawn ma rrilaxxjawx il-vetturi nkwisjtoni qabel il-kawza meta kienu jafu u messhom kienu jafu li l-vetturi ma kienux tal-Firm Eliseo Muscat Limited imma kienu tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti C. Camilleri & Sons kienu taw indikazzjoni lill-intimati, kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm, li l-van CCS-300 kien taghhom u baghtu d-dokumenti lill intimati qabel bdiet il-kawza. Anke min-*number plates* tal-van kien hemm indikazzjoni cara- CCS-300 - li l-van kien ta’ C. Camilleri & Sons. Il-*Log book* kien gol vann innifsu u l-intimati kienu gew infurmati b’dan u ghalhekk setghu jivverifikaw huma stess ta’ min kien il-van. Inoltre fuq il-*body* tal-vann stess kien hemm miktub il kliem C. Camilleri & Sons. Dawn kienu kollha provi bizzejjed li l-vann ma kienx tal-Firm Eliseo Muscat Ltd u ghalhekk l-intimati setghu jirrilaxxjaw il-vann minghajr bzonn li tinfetah kawza. Kif xehdu r-rikorrenti, kieku ma nfethitx il-kawza kienu jibghqu minghajr il-vannijiet.

Ir-rikorrenti Tabib Principali tal-Gvern kien baghat ittra ufficjali (Dok a fol. 54) qabel il-kawza biex jigi rilaxxjat il-vann GVN-573 li kien gie maqbud u kien f’idejn l-intimati. Minn *number plates* kien evidentissimu li l-van hu propjeta tal-Gvern ghax l-ittri GVN jinghataw biss lill vetturi tal-Gvern. Dan Multiple Estates Ltd kienet tafu ferm qabel il-kawza. Anke fil-kaz tal-vann tal-Gvern kien hemm wkoll il-*log book* fil-vann li kien qieghed ghand l-intimati u ghalhekk l-intimati setghu facilment jivverifikaw min kien is-sid tal-vettura.

Il-Firm Eliseo Muscat Limited m’ghandiex tehel spejjez tal-kawza billi l-vetturi ma baqghux ghandha u kellha mandat esekuttiv kontra taghha fuq dawn il-vetturi.

Kwantu ghan nota prezentata fis-17 ta’ Novembru 2006 dina qed tigi sfilzata billi din ma kinitx awtorizzata u semai lanqas  giet notifikata lill-kontroparti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tiddikjara li l-mertu hu ezawrit
L-ispejjez tal-kawza huma a karigu ta’ Multiple Estates Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------